MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## IAN FARRUGIA

Seduta tat-8 ta' Lulju, 2014

Numru. 366/2012

**IL-PULIZIJA**

**(Spettur Kevin Pulis)**

**Vs**

**RODERICK MONTESIN**

**IL-QORTI**;

**Rat li l-imputat Roderick Montesin, 24 sena, bin Emanuel u Gaetana nee' Magri imwieled Pieta' fil-5 ta' Frar 1988, residenti Binja Hesri, Ent E, Flat 5, Triq Dun Anton Vella, Siggiewi u detentur tal-karta tal-identita 79588(M),** gie akkuzat talli :

1. Fis-27 ta' Marzu 2012, ghall-habta tas-13:15 u fil-gimghat ta' qabel, f'tal-Gawhra, Hal Safi, b'diversi atti li ma gewx maghmulha b'rizoluzzjoni wahda izda li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi, ikkommettejt serq ta' aperturi tal-aluminium liema serq huwa ikkwalifikat bil-valur, liema valur jeccedi l-elfejn u tnejn u tletin ewro u erbgha u disghin centezmu (2390.24) u li sar ghad-detriment ta' Carmel Zammit.

2. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, lqajt ghandek jew xtrajt hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwestati b'reat jew b'kull mod li jkun indhalt biex tbieghhom jew tmexxihom.

3. Il-Qorti hija mitluba li tirrevoka l-helsien mill-arrest tal-imsemmi Roderick Montesin moghti b'digriet mill-Magistrat Dr. L.Quintano LL.D nhar is-26 ta' Marzu 2010 u mill-Magistrat Dr. A. Micallef Trigona LL.D nhar id-29 ta'Frar, 2012, u tordna l-arrest mill-gdid tal-imsemmi imputat kif ukoll tordna li s-somma ta' 200 Euro bhala depositu u s-somma ta' 6,000 Euro bhala garanzija personali jghaddu favur il-Gvern ta'Malta kif stipulat fl-artikolu 579(2)(3) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

4. Nakkuzawh ukoll talli illi irrenda ruhu ricediv ai termini tal-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta wara li nstab hati b'diversi sentenzi tal-Qrati ta' Malta liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jinbidlu;

5. U aktar talli kiser diversi kundizzjonijiet imposti fuqu mill-istess Onorabbli Qorti meta nhar id-29 ta' Novembru, 2010 inghata sentenza ta' Art.7 tal-Kap 446 ghal tlett snin mill-Magistrat E. Grima LL.D.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti;

Rat ir-*Rinvio a Giudizio* tal-Avukat Generali tal-20 ta` Awwissu 2012 li jinsab *a folio* 87 tal-atti, li bih deherlu li mill-kumpilazzjoni kondotta, tista tinstab htija jew htijiet skond l-Artikoli hemm stess indikati;

Rat li fl-udjenza tal-14 ta` Jannar 2013 l-imputat iddikjara li ma jsibx oggezzjoni li l-kawza tigi trattata u deciza bil-procedura sommarja minn din il-Qorti;

Qieset id-depozizzjonijiet kollha moghtija f'dan il-procediment;

Semghet is-sottomissjonijiet finali ta' l-Ufficjal Prosekutur kif wkoll tad-difensur ta` l-imputat.

**Ikkunsidrat**;

Illi in succinct, il-fatti li taw lok ghall-proceduri odjerni kienu s-segwenti. Irrizulta li certu John Calleja, nhar is-27 ta` Marzu 2012 ghall-habta tas-1.15pm, kien qieghed hdejn ir-razzett ta` certu Carmel Zammit li jinsab gewwa 'Ta` Gahwar', Hal Safi, fejn lemah vettura Hyundai hamra DAP034. Ra persuna, li identifikah bhala l-imputat odjern, johrog xi affarijiet ta` aluminium minn taht il-gate ta` dan ir-razzett, u jghabbiehom fl-imsemmija vettura. Rah ukoll ikisser xi bicciet minn dan l-aluminium biex joqghodulu fil-vettura. Imbaghad rah isuq 'l hemm. Huwa ha n-numru tar-registrazzjoni u ghaddieh lil sid ir-razzett Carmel Zammit. Skond dan Carmel Zammit, kien ilu jinnota xi affarijiet li kienu qed jonqsulu. L-istess Zammit ghamel rapport lill-pulizija li minn naha taghha bdiet l-investigazzjonijiet. Irrizulta wkoll mix-xhud Mario Cremona, ta` Metalco Ltd ta` Hal Luqa, li fl-istess gurnata, l-istess imputat li huwa gharaf fl-awla, mar ghandu u bieghhlu xi aluminium. Mario Cremona hallsu l-ammont ta` €47 permezz ta` cekk APS (ara dok 5 a folio 59).

Din hi principalment il-verzjoni tal-prosekuzzjoni rizultanti mix-xhieda u dokumenti.

Minn naha tieghu l-imputat, wara li gie arrestat, irrilaxxja stqarrija wara li kkonsulta ma avukat. Minn qari akkurat ta` l-istqarrija esebita bhala dok 1 a folio 16, jirrizulta li l-imputat, nhar is-27 ta` Marzu 2012, kien fil-pussess tal-vettura tal-ghamla Hyundai, li hija ta` missieru. Ma jichadx li seta kien fl-inhawi ta` Hal Safi u jzid illi kien minnu li nhar is-27 ta` Marzu 2012 kien mar ibiegh xi aluminium gewwa Hal Luqa. Huwa pero` jichad li seraq mir-razzett in kwistjoni u ma jaqbilx mas-suggeriment tal-pulizija li l-aluminium minnu mibjugh kien l-istess aluminium allegatament misruq mir-razzett in kwistjoni.

Dan hu in succinct ix-xenarju li rrizulta quddiem dina l-Qorti.

**Ikkunsidrat**;

Illi l-Qorti qieset sew ir-rizultanzi processwali, partikolarment id-depozizzjonijiet tal-protagonisti, flimkien mad-dokumenti esebiti, u ma jidhriliex li ghandha tiehu wisq fit-tul. Ma hemm xejn fil-process li ghandu jwaqqaf lil din il-Qorti milli temmen il-verzjoni tax-xhieda mressqa mill-prosekuzzjoni. Il-provi mressqa mill-prosekuzzjoni jlehhqu l-grad rikjest mill-ligi dwar ir-reita` ta` l-imputat. Fatt mhux ta` ftit importanza hu illi l-verzjoni li ta l-imputat fl-istqarrija tieghu, mhux talli xxekkel il-verzjoni tal-prosekuzzjoni, izda ghall-kuntrarju sahansitra ssahhah u tikkumplimenta tali verzjoni. U cioe li effettivament kien l-imputat li seraq xi aluminium mir-razzett ta` Carmel Zammit nhar is-27 ta` Marzu 2012.

**Ikkunsidrat**;

Illi f’dan l-istadju din il-Qorti thoss li ghandha taghmel numru ta` osservazzjonijiet qabel tghaddi ghall-istadju tal-piena.

1. La darba jirrizulta sufficjentement ir-reat tas-serq, it-tieni imputazzjoni mressqa, dik ta` ricettazzjoni, tigi li inghatat bhala imputazzjoni alternattiva ghall-ewwel imputazzjoni, u ghalhekk il-Qorti tieqaf milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-tieni imputazzjoni;

2. Minkejja li fir-*rinvio a giudizio* ingieb l-Artikolu 263 (l-aggravju tal-mezz), peress li dan ma giex addebitat fir-rapport mahluf tal-ufficjal prosekutur fil-bidu ta` dawn il-proceduri, din il-Qorti sejra tqis dan il-fatt bhala li ghandu jmur favur l-imputat, u ma ssibux hati tal-aggravju tal-mezz; dan l-istess argument japplika ghall-Artikolu 325 (dwar il-hsara volontarja), fatt li ma giex addebitat fir-rapport mahluf tal-ufficjal prosekutur;
3. Dwar l-aggravju tal-valur (Artikoli 261(c) u 267), il-Qorti tosserva li l-imputat jista biss jigi addebitat bis-serq li sar nhar is-27 ta` Marzu 2012 u l-uniku prova sodisfacenti migjuba dwar il-valur hu l-ammont ta` €47, rizultanti mix-xhieda ta` Mario Cremona. Dan kollu ifisser li l-aggravju tal-valur ma giex ippruvat (mehud dan kollu flimkien mal-fatt li l-anqas l-aggravju tal-mezz ma jista jigi addebitat ghar-ragunijiet fuq imfissra) u ghaldaqstant l-imputat jigi li ghandu jirrispondi ghar-reat taht l-Artikolu 284 – serq semplici - (u 285 minghajr il-proviso), kompriz u nvolut fir-reat ta` serq skond l-Artikolu 261.
4. Dwar dak li talbet il-prosekuzzjoni skond l-Artikolu 579(2)(3) tal-Kap 9, jigi osservat li l-prosekuzzjoni ma gabet xejn f’dawn l-atti in sostenn ta` tali talba; in oltra l-anqas fir-*rinvio a giudizio* ta` l-Avukat Generali ma ngieb l-Artikolu 579(2)(3) tal-Kap 9. U ghalhekk minn din it-talba l-Qorti ser tastejni.
5. Dwar l-addebitu tar-recidiva. Il-parametri tal-artikoli 49, 50 u 289 huma lkoll sodisfatti bil-provi migjuba. Dak li l-imputat ghamel nhar is-27 ta` Marzu 2012, ghamlu fit-terminu ta` sentejn bi ksur ta` l-ordni skond l-Artikolu 7 tal-Kap 446, impost bis-sentenza tad-29/11/2010. In oltre, a bazi tal-konsiderazzjonijiet moghtija aktar l-isfel, il-piena ser tigi mizjuda b’zewg gradi (Art 289).
6. Dwar l-applikazzjoni ta` l-Artikolu 23 tal-Kap 9. F’dan ir-rigward il-prosekuzzjoni ma ghamlitx bizzejjed biex ikunu jistghu jigu applikati l-estremi ta` tali Artiklu tal-Ligi. Ghal din il-Qorti, huwa aktar probabbli li l-vettura msemmija hija propjeta` ta` missier l-imputat u ghalhekk il-Qorti mhux ser tiehu konjizzjoni tat-talba tal-prosekuzzjoni skond l-Artikolu 23 tal-Kap 9.
7. Anki dwar it-talba skond l-Artikolu 533 tal-Kap 9, din il-Qorti ser tastjeni milli tapplika tali estremi stante li d-dispost ta` l-Artikolu msemmi bl-ebda mod ma jinkwadra fil-process odjern.

**Ikkunsidrat**;

Illi ghal dak li jirrigwarda l-piena, l-Qorti qieset il-fedina penali ta` l-imputat u z-zewg sentenzi esebiti; dawn juru li l-imputat gia habat difru mal-gustizzja, u jidher li ftit li xejn fehem li l-opportunitajiet li inghataw mill-Qrati kienu hemm ghall-beneficcju tieghu u mhux biex jigu abbuzati. **Bil-piena li ser taghti din il-Qorti, irid jintbaghat messagg illi min ikun zbalja kif zbalja l-imputat jehtieg li jifhem li ghamel hazin u jrid jinghata piena xierqa bhala deterrent; izda l-istess piena trid isservi wkoll sabiex l-imputat, kemm jista jkun malajr, jinghata l-opportunita` li jirriaddestra ruhu fit-triq it-tajba. Jekk l-imputat ghandu bzonn l-ghajnuna u jitlobha, il-Qorti qed tirrakkomanda lid-Direttur tal-Facilita` Korrettiva ta` Kordin biex jaghtih kull ghajnuna possibbli ghall-iskop ta` riabilitazzjoni.**

**Konkluzjoni**;

**GHAL DAWN IL-MOTIVI L-QORTI**, wara li rat l-Artikoli 17, 31, 49, 50, 289, 261, 284, 285 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta` Malta u l-Artikoli 7, 21 u 23 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta` Malta, **issib lill-imputat Roderick Montesin hati, bhala recidiv, tas-serq semplici, u qed tittratta mieghu ghall-ksur skond l-Artikolu 23 tal-Kap 446 u ghaldaqstant qed tikkundannah komplessivament ghal wiehed u ghoxrin (21) xahar prigunerija.**

## < Sentenza Finali >

-------------------------------TMIEM-------------------------------